MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 145/2010

Kawza fil-lista: 28

**W Y B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace**
**u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo, kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti V C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Dicembru 1999, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel Q li ghadu minorenni; li z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat, fosthom abbandun; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi ghas-

separazzjoni; li fil-prezent tghix fid-dar matrimonjali mikrija; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi B u V tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju, swar u abbandun eccessiv u minhabba li l-hajja flimkien m' ghadiex aktar possibli u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment liema ragunijiet huma imputabbli lill-intimat;

2. Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara ukoll illi l-intimat huwa hati tal-firda ghall-wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun kisbet mill-parti l-ohra b' donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsiderata li minnha jkun hati tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess konvenut;

3. Tiffissa retta alimentarju jew manteniment u l-modulatijiet tal-hlas tal-istess, favur ir-rikorrenti u favur il-minuri Q;

4. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Q tkun f' data f' idejn ir-rikorrenti;

5. Tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Borg u taqsam u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet okkorrendo bin-nomina tal-perit sabiex ifassal pjan ta' qasma;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentat li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma humiex edotti bil-fatti tal-kaz, filwaqt li

rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri hekk kif ikunu edotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16.

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontradett li l-attrici, mara ta’ nazjonalita’ Maltija, izzewwget lill-konvenut, ragel ta’ nazjonalita’ barranija, fit-28 ta’ Dicembru 1999. Wara sitt xhur miz-zwieg, l-attrici kienet harget tqila, u hekk kif qalet lil zewgha, dana irrabja ghax ma riedx tfal. Minn hemm bdew il-problemi. Fil-frattemp, fil-5 ta’ Marzu 2001 twieled it-tifel Q C Psala. Meta t-tifel kellu tlett xhur, il-konvenut telaq mid-dar konjugali u qata’ kull kuntatt ma’ l-attrici, wara li din irrifjutat li tiffirmalu sabiex jottjeni l-permess li jibqa’ Malta.

Mill-premess jikkonfigura l-abbandun da parti tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 41 tal-Kap.16, stante li l-konvenut abbanduna lil martu u lit-tifel tieghu ta’ eta’ tenera, u hallihom ifendu ghal rashom, u dan ghal aktar minn sentejn u minghajr raguni gusta. Ghalhekk it-talba attrici ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u li ghal dan jahti biss il-konvenut.

**Kura u Kustodja**
Illi ma hemmx dubju li l-interessi tal-minuri jirrikjedu li dan jibqa’ fil-kura u kustodja esklussiva ta’ ommu l-attrici; ghalhekk din il-Qorti qed tafda lit-tifel minuri fil-kura u kustodja esklussiva taghha.

**Manteniment**

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi b' mod li mhijiex fil-pozizzjoni li tiffissa manteniment ghall-attrici, dovut lilha mill-konvenut li hu l-persuna unikament hatja tas-separazzjoni.  Ghalhekk fir-rigward il-Qorti ser tillimita ruhha li tafferma d-dritt ta' l-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut f' gudizzju separat meta hi jkollha provi dwar l-introjtu tieghu.

Illi rigward il-manteniment dovut lill-attrici mill-konvenut ghat-tifel minuri, il-Qorti tordna li, *rebus sic stantibus*, il-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja fissata arbitrio boni viri fl-ammont ta' mitt ewro [€100] kull erba' gimghat; u dan mid-data li fiha t-tifel kien ghalaq tlett xhur, u cioe' mill-5 ta' Gunju 2001

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi ma hemmx assi tal-komunjoni.  Ghalhekk fir-rigward il-Qorti ser tillimita ruhha billi xxojli l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b' effett minn 5 ta' Gunju 2001

**Dar Matrimonjali**
Illi l-attrici tghid li hi tghix fid-dar matrimonjali mikrija, gewwa 35 Seaview Flat 1 Triq.F.M. Ferretti Birzebbugia; u din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi, senjatament li l-konvenut abbanduna lil martu u lil ibnu u qata' kull kuntatt maghhom, tordna li b' applikazzjoni tal-Artikolu 55A tal-Kap.16 l-attrici, flimkien ma' binha, tibqa' tghix fid-dar matrimonjali that it-titolu vigenti ta' inkwilinat, ad eskluzjoni tal-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tilqa' t-tielet talba fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilqa' ir-raba' talba fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[5] tilqa' il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet; u tawtorizza lill-attrici sabiex din, flimkien ma' binha, tibqa' tghix fil-fond 35 Seaview Flat 1 Triq.F.M.

Ferretti Birzebbugia taht it-titolu vigenti ta’ inkwilinat, ad eskluzjoni tal-konvenut.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut; izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------